



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.8.2013
COM(2013) 568 final

2013/0273 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni, bħala parti kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn' il quddiem "il-Kroazja") se tissieħeb fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013. Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja l-adattament, permezz ta' Protokoll, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino (minn hawn' il quddiem "San Marino"), min-naħa l-oħra¹ (minn hawn' il quddiem "il-Ftehim"), dwar il-parteeċipazzjoni tal-Kroazja bħala parti kontraenti, fid-dawl tat-tkabbir tal-Unjoni biex tinkludi lil din tal-aħħar.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Protokoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti tad-dħul fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill abbozz tal-Protokoll li għandu jkun konkluż.

2. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002 u jeħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi lill-Kroazja bħala parti kontraenti. Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fl-14 ta' Settembru 2012, in-negozjati ġew konklużi ma' San Marino dwar Protokoll mal-Ftehim.

Skont l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll mal-Ftehim fi [...].

Sommarju tal-azzjoni proposta

Din il-proposta tikkonsisti minn abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll mal-Ftehim (fl-Anness), li jipprevedi l-parteeċipazzjoni tal-Kroazja bħala parti kontraenti wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

Bażi ġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(6) tiegħu; it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja²; u l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja³, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu.

L-għażla tal-istrument

Skont l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'każijiet koperti b'dan l-Artikolu, il-Kunsill għandu jadotta Deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni tal-Ftehim wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Din hija proposta għal Deċiżjoni ta' din ix-xorta.

Proporzjonalità

¹ ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.

² ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10.

³ ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi l-effetti tagħha huma strettament limitati għal dak li huwa neċessarju biex jipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-Ftehim, bħala parti kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni, bħala parti kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 u l-Artikolu 352, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja⁴, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁵,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika ta' San Marino għall-adattament, permezz tan-negozjar ta' Protokoll, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino min-naħa l-oħra⁶, dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala parti kontraenti, fid-dawl tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.
- (2) In-negozjati dwar il-Protokoll għall-Ftehim saru mill-Kummissjoni u ġew konklużi dan l-aħħar.
- (3) Il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll fi [...]
- (4) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż f'isem l-Unjoni Ewropea.

⁴ ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

⁵ ĠU C, p. .

⁶ ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteeċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, bħala parti kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, biex tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jkunu marbuta bil-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha⁷.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁷

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

ANNEX

PROTOKOLL

għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, bħala parti kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA, U

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

kif ukoll

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa l-waħda,

u

IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO,

min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra tas-16 ta' Diċembru 1991, ("il-Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

Billi r-Repubblika tal-Kroazja għandha ssir parti kontraenti għall-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja hawnhekk taderixxi bħala Parti għall-Ftehim.

Artikolu 2

Dan il-Protokoll se jkun parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 3

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija ta' dawn il-proċeduri. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.

Artikolu 5

Dan il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Lulju 2013.

Artikolu 6

It-testi tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu tfasslu bl-ilsien Kroat.

Huma annessi ma' dan il-Protokoll u huma ugwalment awtentiċi bħat-testi fl-ilsna l-oħra li bihom tfasslu l-Ftehim u d-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu.

Artikolu 7

Dan il-Protokoll għandu jiffassal f'żewġ kopji bil-Bulagaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Frañċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

Magħmul fi [Brussell] fi [.....] jum ta' [...] fis-sena elfejn u tlettax.

[...]

Għall-Istati Membri

[...]

Għall-Unjoni Ewropea

[...]

Għar-Repubblika ta' San Marino

[...]